# il-paċi magħkom

## Ġej il-Papa Franġisku!

Fl-aħħar ġej il-Papa! Iż-żewġ Papiet ta' qablu ġew ukoll. Qisu kull għaxar snin qed jiġi jżurna Papa! Beda San Ġwann Pawl II fl-1990 u reġa' ġie fl-2001. Imbagħad ġie Papa Benedittu XVI fl-2010. U issa Papa Franġisku.

Tajjeb niftakru li l-ewwel darba li ħareġ barra mill-Vatikan Papa Franġisku kien mar fil-gżira ċkejkna ta' Lampedusa. Kien ilu biss erba' xhur Papa. Dan kien seba' snin ilu, f'Lulju tal-2013. Kienet l-aktar darba li kien viċin tagħna l-Maltin, mitt mil biss 'il bogħod minna.

Dakinhar kien mar Lampedusa biex jiftaħ għajnejn id-dinja għad-dulur tal-immigrazzjoni illegali. Tant bnedmin għerqu f'dawn is-seba' snin li għaddew, huma u jippruvaw jaqsmu l-Mediterran. Tant bnedmin ġew maħqura, abbużati u sfruttati. U issa wara li stidnuh jiġi jżurna tliet Presidenti ta' Malta, żewġ Prim Ministri u żewġ Arċisqfijiet, fl-aħħar il-Papa ġej ukoll Malta.

Diffiċli tkejjel x'ġid ħareġ mit-tliet żjajjar ta' Papiet li kellna f'dawn l-aħħar tletin sena. Bħalma huwa diffiċli tkejjel x'ġid joħroġ minn kull quddiesa li titqaddes u minn azzjoni liturġika jew festa tar-raħal li tiġi ċċelebrata. Bħal kull djoċesi oħra, Malta u Għawdex għandhom is-sabiħ tagħhom. F'Jannar li għadda, il-Papa faħħarna ħafna, forsi iktar milli jistħoqqilna! Imma kellna bżonn daqsxejn min ifaħħarna. M'aħniex kollha ħżiena f'dan il-pajjiż!

Mill-banda l-oħra, ilkoll kemm aħna għandna fiex nikkonvertu. Dan huwa l-aqwa mod kif inħejju ruħna għaż-żjara tal-Papa. Iċ-ċapċip u l-għajat jgħaddi u jisfuma fix-xejn. Ejjew ma nħalluhiex biss okkażjoni ta' diskorsi mill-awtoritajiet tal-pajjiż, festi u x'naf jien. Għax tkun okkażjoni mitlufa. Nistidnukom għalhekk taħdmu fuq dawn il-ħames ħwejjeġ biex ikollna moħħ u qalb disposti biex jilqgħu l-kelma tal-Papa għalina f'Mejju li ġej:

1. Naqra kuljum silta mill-kelma t'Alla, naħseb fuqha u nħalliha tbiddilni.
2. Nittratta lil ta' madwari b'iktar ħlewwa b'attenzjoni għad-dettalji.
3. Inżur lil xi ħadd marid jew anzjan.
4. Nara min huma l-foqra fil-komunità tiegħi u nara x'nista' nagħmel biex ngħinhom.
5. Infittex li nsir naf iktar dwar il-qagħda tal-immigranti f'Malta biex niġġudika inqas u nħobb iktar.

Hekk din ta' Franġisku ma tkunx biss żjara ħelwa imma okkażjoni għalina biex niġġeddu fil-fidi u nkunu werrieta denji ta' missirijietna fix-xhieda tagħhom ta' ospitalità.



EDITORJAL

# IS-SEJĦA

Żgur mhux forsi li xi darba staqsejna lilna nfusna: "Imma aħna x'qegħdin nagħmlu fid-dinja?" Nagħmlu sew li nirrifflettu fuq din il-mistoqsija li ġġegħelna naħsbu fuq l-iskop ta' ħajjitna. San Ġorġ Preca kien jipprietka fuq il-fini tal-bniedem għax meta naħsbu fuqu, verament inkunu nistgħu ngħixu ħajja tajba. Aħna maħluqin biex nagħrfu, inħobbu u nservu lil Alla u wara din il-ħajja nkomplu ngawdu lil Alla u lil xulxin għal dejjem. F'kitba oħra, Dun Ġorġ jgħid li r-rieda ta' Alla għalina l-bnedmin hija li nsiru qaddisin. Qatt ħsibt bis-serjetà li s-sejħa prinċipali tiegħek hija biex issir qaddis? Ikun żball jekk naħsbu li l-qdusija mhux għalina, għax naraw lilna nfusna fraġli u midinba. Alla jridna nkunu qaddisin u dan minkejja l-limitazzjonijiet tagħna. Papa Franġisku jgħallem ħafna fuq is-sejħa għall-qdusija u jgħid li din hija s-sejħa ta' kull mgħammed. Jgħid ukoll li aħna nistgħu nimxu 'l quddiem fil-qdusija billi nagħmlu ġesti żgħar li jsiru bl-imħabba lejn l-oħrajn. Il-qdusija hija possibbli għax iridha Alla għalik u għalija. Ħajja magħquda ma' Alla u mogħtija għas-servizz tal-oħrajn hija l-unika ħajja li tagħmel sens u li ta' min wieħed jgħix.

verbum dei caro factum est

il-paċi magħkom

**S.D.C. M.U.S.E.U.M.**
**DAR ĊENTRALI**
207, Triq San Ġorġ Preca,
il-Marsa MRS 9090
**www.sdcmuseum.org**

*Ikkuntattjana fuq 21 248 671 jew kummissjoni.adulti@sdcmuseum.org*

Stampat:
**Best Print Co. Ltd., Qrendi**

# TIMLIEX RASEK

Jingħad li Napuljun, darba sema' lil xi ħadd ilissen il-proverbju li l-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi. Bniedem mimli bih innifsu bħalma kien Napuljun, ma setax jisma' dan il-kliem bla ma jikkummenta, u qallu: "Jiena nipproponi u jiena niddisponi." Ftit xhur wara, webbes rasu u attakka r-Russja, kontra l-pariri tal-konsulenti tiegħu. Wara ħafna tbatijiet u tixrid inutli ta' demm is-suldati, kellu jirritorna umiljat lejn Pariġi, flimkien mal-armata tiegħu. Hu ppropona, imma Alla kien li ddispona.

Timliex rasek bis-saħħa, bl-għerf, bis-sbuħija, bil-għana, bil-ħila, bis-setgħa tiegħek, għax riħ ta' siegħa jnaddaf qiegħa. Dan ma jfissirx li m'għandniex nipproġettaw, li m'għandniex nippjanaw, li m'għandniex naħsbu għall-għada. Dak kollu li jiddependi minna għandna nagħmluh, imma mbagħad dejjem nafdaw ruħna f'idejn il-Mulej li għandu t-toroq u l-ħin tiegħu. Aħna nixxenqu li nagħmlu r-rieda tiegħu.





# NARĊISSUS

Hemm ħafna verżjonijiet tal-istorja ta' Narċissus, fil-mitoloġija Griega. L-aktar magħrufa hi dik li ħallielna Ovidju. Narċissus kien żagħżugħ mill-isbaħ. Kien hemm tfajla li wrietu l-imħabba tagħha għalih. Imma hu, supperv u mimli bih innifsu, irrifjutaha bil-goff. Dik it-tfajla tant ħaditha bi kbira li neħħiet ħajjitha b'idejha. Nemesis, alla tal-vendetta, riedet tikkastigah. Darba, fis-sajf, qabdu għatx kbir u mar ħdejn għadira. Meta ttawwal fl-ilma, lemaħ dehra ta' żagħżugħ sabiħ, imma ma ntebaħx li dak kien ir-rifless tiegħu stess. Narċissus għoġbitu wisq dik id-dehra, imma ma damx ma ntebaħ li dik l-imħabba tiegħu ma setgħetx tkun reċiprokata, u nqered fix-xejn waqt li nbidel fi fjura bajda tad-deheb. Narċissus baqa' magħruf bħala dak li ammira r-rifless tiegħu fl-ilma, jiġifieri bniedem li ntefaħ iżżejjed bih innifsu.

Kull ma għandna ġie mogħti lilna u niżbaljaw li niftaħru b'xi talent li għandna bħallikieku ma qlajniehx. Kulma għandna tahulna Alla; m'għandniex biex niftaħru. Ir-responsabbiltà tagħna hi li nużaw tajjeb it-talenti li l-Mulej tana. Meta jrid HU, joħodhomlna. Lil Alla waħdu tifħir u glorja.

# IS-SEBAT IRJUS TAD-DNUBIET IL-MEJTA

San Ġorġ Preca kien jgħid, u bir-raġun, li d-dnub hu l-ikbar għadu tal-bniedem, għax itellfu mill-ikbar teżor li għandu, jiġifieri l-paċi, li jagħtiha biss Alla. Il-Bibbja tgħidilna li m'hemmx paċi għall-ħżiena. Id-dnub għandu l-irjus tiegħu. Dawn huma sebgħa:

Il-kburija, jew is-suppervja, li twassalna naħsbu li aħna aqwa mill-oħrajn u li allura m'għandna bżonn ħadd.

L-għażż fil-ħwejjeġ ta' Alla, li jwassalna biex nittraskuraw is-servizz ta' Alla, bla ma niċċaqilqu biex nikbru fl-imħabba lejn Alla u l-proxxmu.

Il-gula, jew l-ikel u x-xorb żejjed, li twassalna biex nitilfu l-kontroll fuqna nfusna, u nagħtu ruħna għall-abbuż.

L-għadab, jew ir-rabja, li twassalna biex nitilfu l-paċenzja, l-imħabba, il-paċi tal-qalb, u tikkaġuna konsegwenzi koroh.

Ir-regħba, jew ix-xeħħa, li taqfilna fina nfusna u fl-egoiżmu tagħna, u allura taqtagħna mill-proxxmu tagħna.

L-għira, li ma tħallik qatt kuntent b'li għandek, u allura ddur għal ħaddieħor u dak li hu tiegħu. Ittelfek il-paċi.

Iż-żina, li ma tħallikx tgħix l-istat xieraq tal-ħajja tiegħek.

Meta bil-grazzja ta' Alla twarrab dawn id-dnubiet, tkun qed tevita ħafna dnubiet oħra. Għandna dejjem nittamaw fil-ħniena kbira ta' Alla filwaqt li nagħmlu l-isforz tagħna biex dawn l-irjus tad-dnubiet naqtgħulhom rashom!



## Talba għal Umoriżmu Tajjeb

Mulej, agħtini diġestjoni tajba u anki xi ħaġa x'niddiġerixxi. Agħtini ġisem b'saħħtu, u l-aptit it-tajjeb biex immantnih.

Agħtini, Mulej, ruħ sempliċi li tagħraf tgħożż dak kollu li hu tajjeb u ma tibżax malajr quddiem id-dehra tal-ħażen, imma pjuttost issib dejjem mod kif terġa' tpoġġi kollox lura f'postu.

Agħtini ruħ li ma tafx tiddejjaq, tgorr, titniehed, tgerger, u tħallix li noqgħod ninkwieta żżejjed għal dik il-ħaġa wisq ingombranti li tissejjaħ "Jien".

Agħtini, Mulej, sens ta' umoriżmu tajjeb. Agħtini l-grazzja li nilqa' ċajta biex fil-ħajja niskopri ftit tal-ferħ, u nagħraf naqsmu wkoll mal-oħrajn. Hekk ikun.

Talba miktuba minn San Tumas More (1478-1535)
u li Papa Franġisku jitlobha kuljum.



# PARIR SIEWI

Fl-Arġentina hemm speċi ta' torri u fl-għoli, fuq kull naħa tiegħu, hemm arloġġ u taħtu hemm din is-sentenza: "Issa hu ż-żmien li tagħmel il-ġid." Meta l-Kardinal Wolsey kien qed imut, stqarr: "Kieku f'ħajti qdejt lil Alla daqskemm qdejt lir-Re, kieku kont qed immut ħafna aħjar." Fil-parabbola tal-ħinijiet, insibu lis-Sinjur jgħid lil ħaddiema fil-pjazza: "Għaliex qegħdin hawn il-jum kollu ma tagħmlu xejn?" (Mt 20,6).

Kemm naħlu ħin fil-ħajja tagħna? Kemm naħlu ħin fi ħwejjeġ li la jkabbruna bħala persuni u wisq inqas bħala nsara? Fejn jidħol il-ħin, il-mira tagħna għandha tkun iggwidata mit-tweġibiet li għandna nagħtu għal dawn il-mistoqsijiet:

Kemm qed nagħmlu ħilitna biex nagħmlu d-dmirijiet tagħna?
Kemm qed infittxu li nagħmlu kollox bl-aħjar mod possibbli?
Kemm qed nagħmlu kollox fil-ħin tiegħu?
Kemm qed infittxu li naħdmu għas-Saltna tas-Smewwiet?
Kemm ħin qed niddedikaw biex naqdu lill-proxxmu tagħna?

Il-ħin hu misluf lilna u rridu ngħadduh kif jixraq.



# Pariri ta' Papa Franġisku lis-Seminaristi u lis-Saċerdoti

Saċerdot li ma jitlobx ikun għalaq il-bieb, ikun għalaq it-triq għall-kreattività. (Lis-saċerdoti fid-djoċesi ta' Caserta)

Jekk Ġesù mhux qiegħed fiċ-ċentru, aħjar tipposponu l-ordinazzjoni tagħkom. Jekk m'intomx ċerti li Ġesù qiegħed fiċ-ċentru ta' ħajjitkom, stennew ftit sakemm issiru ċerti. (Lis-seminaristi f'Napli)

Saċerdot li jkun iħobb lil Ġesù hu bħal dak ir-raġel (jew dik il-mara) li ma jistax jieqaf jitkellem fuq il-maħbuba tiegħu. Dawk li jkunu jħobbu lil Ġesù iqattgħu l-ħin ta' filgħaxija miegħu, quddiem it-tabernaklu, flok joqogħdu jaraw it-televixin. (Waqt irtir għas-saċerdoti organizzat mill-Catholic Charismatic Renewal f'Ġunju tal-2015).

Ikun aħjar li wieħed iħalli s-saċerdozju jew il-ħajja ikkonsagrata milli jgħix ħajja doppja. (Il-Qawwa tal-Vokazzjoni, intervista ma' Fernando Prado)



# KOMPETIZZJONI

Meta tieħdu sehem fil-kompetizzjoni tagħmlulna ħafna kuraġġ. Bħas-soltu, kienu ħafna dawk li ħadu sehem fil-kompetizzjoni. Prosit lil dawk kollha li ħadu sehem u b'mod speċjali lir-rebbieħa (F. Muscat) li diġà rċeviet mingħandna bil-posta. Il-kompetizzjoni ta' din id-darba hi:

MINN FEJN HUMA MEĦUDIN DAWN IL-KELMIET: **"ĦAJJA KALMA U UMLI ĠĠIB AKTAR HENA MILL-ĠIRJA GĦAS-SUĊĊESS U L-INKWIET LI JĠIB MIEGĦU".** IKTEB L-ISEM TAL-ARTIKLU.

Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom lid-Direzzjoni ta' IL-PAĊI MAGĦKOM, SDC MUSEUM, Dar Ġenerali, 207, Triq San Ġorġ Preca, Marsa MRS 9010, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020. Fuq l-envelope iktbu l-kelma 'Kompetizzjoni'. Jingħata premju lir-rebbieħ jew rebbieħa li isimhom jitla' bil-polza fost it-tweġibiet tajbin li jidħlu fil-ħin.





# FESTA KBIRA FAVUR IL-ĦAJJA

Fit-2 ta' Jannar li għadda, fil-belt ta' New York fl-Istati Uniti, sar il-marċ annwali favur il-ħajja, u li għalih attenda l-President Trump. Imma l-aktar ħaġa impressjonanti kienet il-folla ta' 500,000 ruħ (nofs miljun) li ħadet sehem. Kien hemm tfal mal-ġenituri, żgħażagħ, irġiel u nisa ta' kull età, għonja u inqas għonja, nies ta' fidi u anke nies bla fidi, imma kollha favur il-ħajja, u allura kontra l-abort. Ħafna minnhom ġarrew bnadar tal-Amerika, stendardi reliġjużi, bżieżaq u posters favur il-ħajja u kontra l-abort. Wieħed mill-posters kien jgħid: 'If a bacteria is considered LIFE on MARS, why isn't a heartbeat considered LIFE on EARTH?' Kienet folla li timpressjonak mhux biss għall-kobor tagħha, imma anke għall-atmosfera ta' ferħ li kien hemm.















# NOTA TA' APPREZZAMENT

Ta' kull xahar nirċievu ħafna ittri għall-kompetizzjoni li jkun fihom ukoll ħafna apprezzamenti għal dan il-ġurnalin, kif ukoll xi suġġerimenti. Hu impossibbli li nwieġbu kull ittra b'mod personali u għalhekk nixtiequ nuru lill-qarrejja tagħna kemm huwa ta' kuraġġ għalina meta tiktbulna li dan it-tagħlim qed issibuh utli. **Aħna ninkuraġġukom biex intom ukoll ixxerdu dan il-ġurnalin kif tistgħu u ma' min tistgħu.** Ejjew nibqgħu naħdmu u nitolbu għal xulxin biex ix-xogħol ta' fejda li qed inwettqu, bil-għajnuna ta' Alla jissokta u jilħaq iktar nies.


# LIBRERIJA PRECA



**Il-ħanut li joffrilek għażla kbira ta' kotba b'ispirazzjoni Nisranija kif ukoll rigali u oġġetti reliġjużi.**

LIBRERIJA PRECA
**205, Triq San Ġorġ Preca**
**il-Marsa MRS 9010**
Telefon: 2122 2626
precabookshop@gmail.com

ĦINIJIET TAL-FTUĦ
**Mit-Tnejn sal-Ġimgħa:** 8:30am - 12:30pm
4:00pm - 7:00pm
**Is-Sibt:** 8:30am - 12:30pm


# IT-TRIQ TAR-REBĦA

Il-mexxej kbir Indjan, Mahatma Gandhi kien jgħid: "L-ewwel jinjorawk, imbagħad jirredikolawk, imbagħad jiġġildulek, imbagħad TIRBAĦ'. Kien jaf x'qed jgħid għax lilu hekk għamlulu. Għaddewh minn passjoni sħiħa, arrestawh u ppruvaw jirredikolawh, imma fl-aħħar rebaħ, u ġab l-indipendenza mill-Ingliżi għal pajjiżu.

U forsi l-mexxej tagħna Ġesù Kristu mhux hekk għamlulu? Imma fl-aħħar rebaħ. Bil-qawmien tiegħu mill-mewt, Ġesù rebaħ fuq l-għedewwa, fuq il-mewt u fuq ix-xitan. U s-segwaċi tiegħu, jekk iridu jirbħu, iridu jistennew li jinjorawhom, jirredikolawhom u jiġġildulhom bil-mezzi kollha. Imma fl-aħħar Ġesù jwassalhom għar-rebħa. Mhux bilfors tkun rebħa li tidher għax, ma ninsewx, l-aqwa rebħa hi l-ħajja ta' dejjem.

L-insara li qed ifittxu li jimxu wara l-Imgħallem tagħhom – Sequela Christi – għaddejjin minn dan kollu anke f'pajjiżna. Kemm, għax inkunu qed nippruvaw ngħixu ta' nsara, ħafna drabi nħossuna mwarrbin, redikolati, mgħajjra, u ppersegwitati? Imma ejjew ma naqtgħux qalbna għax m'aħniex waħedna. Fuq quddiem hemm HU li qalilna: "Tibżgħu xejn, jien irbaħt id-dinja."



# QED TAĦSEB F'HEMM FUQ

George W. Truett, predikatur nisrani, kien mistieden għand raġel miljunarju f'Texas. Dan stiednu d-dar tiegħu u wara li kielu flimkien, telgħu fuq il-bejt, u l-miljunarju qallu: "Ħares lejn il-lvant, dawk l-għelieqi kollha tiegħi. Issa ħares lejn il-punent, dawk is-siġar tiegħi ukoll. Hemm, lejn nofsinhar, dawk il-meddiet qamħ tiegħi wkoll, u jekk tħares in-naħa l-oħra u tara dawk il-merħliet, kun af li anke dawk tiegħi ukoll." Hawn, il-predikatur, għolla jdejh 'il fuq lejn is-sema u qal lill-miljunarju: "U lejn din in-naħa għandek xi ħaġa tiegħek, jew ħsibt biss għal hawn isfel?" Il-miljunarju dlonk beda jħares lejn is-sema. Truett jgħid li l-bixra ta' dak l-għani tbiddlet u ma wieġbu xejn. Iżda qatt aktar ma stiednu f'daru.

U aħna naħsbu fil-ħajja ta' dejjem? Jew moħħna fil-lvant, fil-punent, f'nofsinhar u fit-tramuntana u ninsew lis-Sinjur Alla? Kristu qalilna biex ma nagħmlux it-teżori tagħna fejn il-kamla teqred u l-ħallelin jisirqu, imma nagħmlu t-teżori tagħna fil-bank ta' Alla. Dak bank! Żgur li ma jfalli qatt! Jien, int, aħna, fejn qed nagħmlu t-teżori tagħna?

# EINSTEIN

Il-famuż xjenzjat Einstein, fl-1922, meta kien diġà rebaħ il-Premju Nobel għall-Fiżika, daħal f'ristorant meta kien Tokyo, il-Ġappun. Meta ġie biex jagħti xi tips lil-lavrant, sab li ma kellux flus. Allura qabad biċċa karta u kiteb fuqha dan il-kliem: "Ħajja kalma u umli ġġib aktar hena mill-ġirja għas-suċċess u l-inkwiet li jġib miegħu." Taha lil-lavrant u qallu li dik il-biċċa karta taf tiswieh ħafna. Fil-fatt, f'Ottubru 2017, inbiegħet f'irkant għas-somma ta' $1.5 miljun (miljun u nofs dollari).

Qatt irriflettejna li fuq kull fjura, fuq kull werqa, fuq kull siġra, fuq kull qatra nida, fuq il-baħar immens, fuq ix-xemx, il-qamar u l-kwiekeb, fuq il-muntanji, fuq il-ħut u l-bhejjem, fuq it-tajr tal-ajru, fuq kull tarbija li titwieled, hemm il-firma ta' Alla. U allura xejn mill-ħolqien ma għandna nikkalpestaw, għax fuqu kollu kemm hu hemm il-firma ta' Alla.



# GRAZZI

Dan il-ġurnalin għandu għexieren ta' eluf ta' qarrejja. Ħafna huma dawk li jkunu qed jistennew dan il-ġurnalin bil-ħerqa. Grazzi lill-Mulej. Nirringrazzjaw lil dawk kollha li juru l-apprezzament tagħhom għal dan il-ġurnalin li, kif tafu, joħroġ f'Marzu, f'Ġunju, f'Settembru u f'Diċembru. Infakkru li ma nistgħux nibagħtuh bil-posta, għax dan hu impossibbli, imma nqassmuh mid-djar tagħna tad-duttrina, mill-knejjes, f'Bieb il-Belt, u postijiet oħra. Irridu nirringrazzjaw lil dawk kollha li jagħmlu xi offerta. Wieħed jifhem li l-ispejjeż mhumiex żgħar. Imma nħallu f'idejn il-Mulej u fi qlub ġenerużi. **Grazzi mill-qalb. Grazzi ta' kollox!**

**il-paċi magħkom**



"Inti int il-vera kawża tal-ferħ tagħna għall-kbir unur li għoġbok tagħmlilna li ma stħajtx tissejjaħ wieħed mill-aħwa tagħna."

– San Ġorġ Preca –

# GĦERF TA' MARKU AWRELJU (121-180)

Dawn huma xi ftit mill-pariri kollha għerf li ħallielna l-Imperatur Ruman Marku Awrelju li mexxa l-Imperu għal 19-il sena. Huwa ġab paċi u stabbiltà fiż-żmien li kien imperatur. Apparti li kien mexxej kbir, kien ukoll filosfu ta' ħsibijiet profondi li għadhom validi sal-lum.



Meta tqum filgħodu aħseb fuq kemm huwa privileġġ kbir li inti ħaj, li tieħu n-nifs, li tista' taħseb, li tista' tgawdi u li tista' tħobb.

Il-ferħ f'ħajtek jiddependi mill-kwalità ta' ħsibijietek.

Toqgħodx titgħaxxaq toħlom f'affarijiet li m'għandekx. Imma ftakar fil-barkiet li inti għandek. Rodd ħajr għal dak li għandek u ftakar kemm kont tkun tixtieqhom kieku ma kinux tiegħek.

Għandna l-kapaċità li ngħixu ħajja tajba jekk nitgħallmu nkunu indifferenti għal dawk l-affarijiet li ma jagħmlux differenza.

L-iskop tal-ħajja mhuwiex li tkun fuq in-naħa tal-maġġoranza imma li taħrab u li ma ssibx ruħek fil-kumpanija tal-imġienen.

Il-bniedem m'għandux jibża' mill-mewt, imma għandu jibża' li qatt ma jkun beda jgħix.

Il-mewt titbissem lil kull wieħed u waħda minna. U kull ma nistgħu nagħmlu hu li nitbissmulha lura.

L-aqwa vendetta hi li ma tkunx bħall-għadu tiegħek.

Il-moħħ tiegħek jieħu l-forma tal-ħsibijiet li inti ta' spiss iżżomm fih għax l-ispirtu uman huwa kkulurit minn dawn l-impressjonijiet.

Tħallix il-ġejjieni jħawdek. Jekk inti għad tiltaqa' mal-ġejjieni tiegħek, inti ħa tagħmel dan bl-istess armi tar-raġuni li llum qed isaħħuk kontra l-preżent.

It-telfa mhi xejn ħlief bidla. U l-bidla hija l-ferħ tan-natura.

Il-veru ferħ tal-bniedem jinkiseb meta wieħed jagħmel dak li kien maħluq biex jagħmel.

# Fuq is-Sagramenti...

Jista' jkun li inti taħseb li tant inti midneb li ma jistħoqqlokx tersaq lejn is-sagramenti. L-ewwet nett ftakar li proprjament ĦADD ma jistħoqqlu. In-nisrani jersaq lejn is-sagramenti tal-Qrar u tal-Ewkaristija għax Alla jagħtih il-grazzja. Alla tagħna ma jgħeja qatt jaħfer u jħobb. Hu kollu ħniena u kompassjoni lejn il-bniedem. Imbagħad nissuġġerilek taħseb fuq dawn iż-żewġ sentenzi ta' Papa Franġisku u tal-Kardinal Carlo Maria Martini.

L-Ewkaristija, anki jekk hi l-milja tal-ħajja sagramentali, mhix xi premju għall-perfetti biss, imma hi duwa b'saħħitha u ikel għad-dgħajfin. (Evangelii Gaudium, 47)

Is-Sagramenti mhumiex strumenti li jeżerċitaw id-dixxiplina, imma huma għajnuna kontinwa għan-nies li qegħdin fuq il-vjaġġ tagħhom bid-dgħufija li ġġib magħha l-ħajja. (L-aħħar intervista li ta l-Kardinal Martini li ġiet ippublikata f'Settembru tal-2012).

